MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 546/2004

**U.C.I.M. Co Ltd**

**vs**

**Cleanwell Services Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn, erbgha u sebghin lira Maltin (Lm1274.00) rapprezentanti import ta' tlettax il-kambjala, kollha ta' tmienja u disghin lira Maltin (Lm98.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Marzu 2003 sa Marzu 2004 rispettivament u mhux imhallsa annessi bhala dokumenti numri I sa 13 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sal-25 ta’ Frar, 2004 jammontaw ghal erbgha u hamsin lira Maltin (Lm54.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra is-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn, erbgha u sebghin lira Maltin (Lm1274.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------